MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 2837/1997/1

Joseph u Rose konjuġi **VASSALLO**

vs

Joseph **DELIA** u Pauline Delia li b'degriet tal-11 ta' Marzu, 1999, ġiet imsejħa fil-kawża

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-15 ta' Diċembru, 1997, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-

atturi talbu li l-Qorti (i) tiddeċiedi li l-imħarrek naqas li jwettaq l-appalt li huma qabbduh jagħmel billi ma lestiex ix-xogħol kollu miftiehem u wkoll billi naqas li jsewwi fejn ta xogħol ħażin; (ii) tordnalu li jagħmel kulma ntrabat bih fiż-żmien li jingħatalu mill-istess Qorti; u (iii) f'kull każ tikkundanna lill-imħarrek xorta waħda jħallas il-penali miftehma bejnu u l-atturi, sa dak inhar li jwettaq kulma ntrabat bih;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek Joseph Delia fit-13 ta' Novembru, 1998, li biha laqa' għall-azzjoni tal-atturi billi qal li ċ-Ċitazzjoni ma tiswiex għaliex il-ġudizzju m'huwiex sħiħ ladarba martu tħalliet barra mill-kawża; minbarra dan, l-azzjoni tressqet wara ż-żmien ta' tmintax-il (18) xahar minn meta messha nfetħet. Fil-mertu, qal li t-talbiet attriċi m'humiex mistħoqqa għaliex l-attur kien jheddu bla heda u ma ħallsux tax-xogħol lest skond kif ikunu ftehmu;

Rat il-Kontro-talba mressqa mill-imħarrek flimkien man-Nota tal-Eċċezzjonijiet tiegħu li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li l-Qorti (i) ssib li l-atturi jaħtu għad-danni minnu mġarrba minħabba li ordnawlu xogħlijiet li tagħhom ma ħallsuhx, u (ii) biex tikkundannahom iħallsuh dawk id-danni;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-11 ta' Marzu, 1999[1], li bih u fuq talba magħmula mill-atturi bir-rikors tagħhom tas-17 ta' Frar, 1999, fid-dawl tal-ewwel eċċezzjoni mqajma mill-imħarrek, ordnat li tissejjaħ fil-kawża mart l-imħarrek, Pauline Delia;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imsejħa fil-kawża Pauline Delia fit-13 ta' Mejju, 1999, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li l-azzjoni tagħhom tressqet wara ż-żmien ta' tmintax-il (18) xahar minn meta messha nbdiet. Fil-mertu, tenniet l-istess eċċezzjonijiet ta' żewġha, dwar it-theddid min-naħa tal-atturi u wkoll dwar in-nuqqas ta' ħlas għal xogħol imwettaq;

[1] Paġ. 24 tal-proċess

Rat is-sentenza preliminari tas-16 ta' Ġunju, 2000[2], li biha l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-imħarrkin ma ntlaqgħetx;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet u mogħtija quddiem il-Qorti (diversament presjeduta);

Rat li fil-21 ta' Marzu, 2001, il-kawża tħalliet għat-trattazzjoni tal-għeluq;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-25 ta' Ġunju, 2001[3], li bih, u wara r-riljevi li l-avukat tal-atturi kien għamlilha waqt is-smigħ ta' qabel, iddikjarat li n-notifika tal-kontro-talba ma kinitx tiswa għaliex, minflok saret lill-atturi, saret lill-avukat tagħhom;

Rat li l-imħarrkin innotifikaw lill-atturi bil-kontro-talba tagħhom f'Ġunju tal-2004;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-atturi rikonvenuti fis-17 ta' Ġunju, 2004, li biha laqgħu għall-imsemmija kontro-talba billi qalu li din ma kinitx tiswa għaliex kienet saret minn żewġ imħarrkin, meta, sa dak iż-żmien, fil-kawża kien għad hemm biss imħarrek wieħed. Fil-mertu, jiċħdu li l-imħarrek qatt kien mhedded biex jagħmel ix-xogħol li aċċetta li jagħmel jew li, b'xi mod, ġarrab xi danni minħabba l-appalti. Fuq kollox, l-atturi jgħidu li ladarba, lanqas fil-kontro-talba, l-imħarrek ma talabx it-tħassir tal-obbligazzjoni, dan kien ifisser li huwa kien jaċċettaha;

Rat is-sentenza tagħha tal-31 ta' Mejju, 2006[4], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-atturi għall-azzjoni rikonvenzjonali safejn din tressqet minn mart l-imħarrek;

Semgħet it-trattazzjoni tal-għeluq tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[2] Paġġ. 42-6 tal-proċess
[3] Paġ. 91 tal-proċess
[4] Paġġ. 117 sa 126 tal-proċess

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal dikjarazzjoni li appaltatur ma wettaqx ix-xogħol li tqabbad jagħmel u biex il-Qorti tagħtih żmien biex itemmu u, f'każ li jibqa' ma jlestix, li jeħel penali kuljum sakemm itemm ix-xogħol kollu miftiehem;

Illi l-appaltatur imħarrek jgħid li huwa ma tħallasx tax-xogħol li għamel, u, fuq kollox, kien mhedded biex jagħmel ix-xogħol ordnat lilu mill-atturi appaltanti. Jgħid li, minbarra x-xogħol oriġinali li qabbduh jagħmel, kienu jżidu ordnijiet għal nies oħrajn u jġegħluh jaċċetta xogħol ieħor li tiegħu ma kinux iħallsuh jew, saħansitra, jnaqqsulu l-valur tiegħu. Ta' min jgħid li n-Nota tal-Eċċezzjonijiet tressqet biss mill-imħarrek;

Illi l-imħarrek (u din id-darba biż-żieda ta' martu) ressaq wkoll kontro-talba biex jitolbu l-ħlas tad-danni li ġarrab l-imħarrek minħabba t-theddid tal-attur rikonvenzjonat u wkoll minħabba n-nuqqas ta' ħlas għax-xogħol imwettaq;

Illi b'sentenza preliminari tagħha tal-31 ta' Mejju, 2006, din il-Qorti sabet li l-kontro-talba mressqa minn mart l-imħarrek ma tiswiex, u żammitha biss fil-konfront tal-imħarrek;

Illi l-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> juru li l-attur huwa azzjonist u direttur ta' kumpannija bl-isem ta' Joe Ro Limited li l-imħarrek kien debitur tagħha għal xi negozju ta' tpartit bejn dgħajsa u garaxx[5];

Illi bil-għan li jinqata' dak id-dejn, fil-11 ta' Lulju, 1988[6], l-attur qabbad lill-imħarrek biex jagħmillu xogħol ta'

[5] Xhieda ta' Elia Cassar 14.2.2000 u tal-imħarrek 13.11.2000 , f'paġġ. 34 u 58 tal-proċess
[6] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess

għamara fl-injam li jikkonsisti (i) f'tavolina tonda, sitt (6) siġġijiet u żewġ (2) pultruni, (ii) *monk's bench*, (iii) *bar*, (iv) żewġ *coat hangers*, (v) *bureau* u tavolina, (vi) sufan, erba' (4) pultruni u sitt (6) siġġijiet, (vii) *trolley* u (viii) żewġ (2) sopraporti ta' għaxar piedi kull waħda. Dan ix-xogħol kollu, għajr is-sopraporti, kellhom isiru skond disinn li l-imħarrek ra għand persuna msemmija fl-istess kitba. L-appalt kien miftiehem bil-prezz wieħed ta' elfejn lira Maltin (Lm 2,000)[7], li minnhom l-attur iddikjara li ħallas lill-imħarrek elf u tmien mitt lira Maltija (Lm 1,800)[8] qabel dak inhar. L-imħarrek kellu jieħu r-responsabbilta' għax-xogħol, skultura u xiri tal-lostru (li kien magħdud fil-prezz tal-appalt), filwaqt li l-attur kellu jipprovdi b'nefqa għalih l-injam, id-drapp, il-*fittings* tal-għamara u xogħol it-tapezzar. Ix-xogħol ordnat taħt (i), (iv) u (v) ried jitlesta sa l-1 ta' Diċembru ta' dik is-sena, filwaqt li l-bqija tax-xogħol ried ikun lest sa l-1 ta' Diċembru tas-sena ta' wara;

Illi b'kitba oħra tal-24 ta' Frar, 1992[9], l-attur reġa' qabbad lill-imħarrek b'appalt ieħor biex jagħmillu (ix) sufan skolpit tal-kawba twil sitt (6) piedi, (x) erba' (4) pultruni skolpiti tal-kawba, (xi) żewġ (2) *coffee tables* skolpiti tal-kawba, u (xii) żewġ (2) *trolleys* bħal dak li kien ordnat fl-appalt ta' qabel. Il-prezz sħiħ u wieħed tax-xogħlijiet ordnati kellu jkun ta' ebra' mitt lira Maltin (Lm 400)[10]. Għal darb'oħra, l-attur kellu jforni l-injam, filwaqt li l-prezz ma kienx jinkludi la l-prezz tal-lostru u lanqas tat-tapezzerija. Ix-xogħol mogħti f'dan it-tieni appalt kellu jkun lest sal-aħħar ta' Settembru tal-istess sena. Fil-kitba ssemma wkoll li x-xogħol li kien għadu mhux lest sa dak inhar mill-ewwel appalt – jiġifieri s-sitt (6) siġġijiet, it-*trolley* u ż-żewġ sopraporti – riedu jitlestew sa tmiem Mejju tal-1992;

Illi fil-25 ta' Jannar, 1993[11], l-attur reġa' qabbad lill-imħarrek jagħmel xogħol ieħor, li kien jikkonsisti (xiii) f'sufan skolpit tal-kawba twil sitt (6) piedi, (xiv) sitt (6) pultruni, (xv) tmin (8) siġġijiet, (xvi) erba' (4) sopraporti, (xvii) *trolley*, u (xviii) *coffee table*. Fil-prezz ta' erba' mitt

[7] Li jġibu €4,658.75 fi flus tal-lum
[8] Li jġibu €4,192.87 fi flus tal-lum
[9] Dok "B", f'paġ. 6 tal-proċess
[10] Li jġibu €931.75 fi flus tal-lum
[11] Dok "Ċ", f'paġ. 7 tal-proċess

lira Maltin (Lm 400) ta' din l-ordni kollha, kien magħdud il-prezz tal-lostru, iżda l-injam u t-tapezzerija kienu għall-attur. F'dik il-kitba la kien hemm imsemmi żmien sa meta ried ikun lest ix-xogħol u lanqas jekk xogħol mogħti fiż-żewġ ordnijiet ta' qabel kienx għadu ma ntemmx;

Illi, għal darb'oħra, fis-17 ta' April, 1995[12], saret kitba oħra biex tfisser liema, mix-xogħlijiet li kienu ordnati fl-okkażjonijiet ta' qabel, l-imħarrek ma kienx għadu lesta[13] u jiġifieri żewġ (2) pultruni u żewġ (2) siġġijiet, żewġ (2) siġġijiet u erba' (4) pultruni, żewġ (2) sopraporti u *trolley*, u *trolley*. Prezz għal dan ix-xogħol, li ried ikun lest kollu sal-15 ta' Lulju, ma ssemmiex. Ingħad biss li jekk kemm-il darba x-xogħol ma jkunx lest sa dak inhar, l-imħarrek ried iħallas lill-attur penali ta' ħmistax-il lira (Lm 15) "kull jum bis-Sibt u l-Ħadd". Kien hemm klawsola wkoll li tirreferi għax-xogħol (mingħajr ma jingħad liema kien) li kien diġa konsenjat iżda li kien "fih id-difetti", liema nuqqasijiet riedu jissewwew sa mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem wara d-data tal-kitba, u, fin-nuqqas, kienet tibda għaddejja wkoll l-imsemmija penali kuljum. F'dan il-każ, il-kitba kienet iġġib il-firma wkoll ta' xhud, minbarra tal-partijiet;

Illi fl-10 ta' Novembru, 1997, l-attur ressaq protest ġudizzjarju kontra l-imħarrek u fil-15 ta' Diċembru, 1997, l-atturi fetħu din il-kawża;

Illi l-Qorti tqis li, mill-atti mressqa mill-partijiet, hemm bosta <u>konsiderazzjonijiet ta' xejra legali</u> li jitolbu stħarriġ. Madankollu, bosta mill-istess konsiderazzjonijiet kienu jitolbu l-provi, u l-provi f'din il-kawża huma x'aktarx nieqsa. Min-naħa tal-azzjoni ewlenija, l-atturi jibnu l-każ tagħhom fuq in-nuqqas ta' twettiq min-naħa tal-imħarrek tal-appalt mogħti lilu u fuq il-ħlas tal-penali; min-naħa tal-imħarrek, l-azzjoni rikonvenzjonali tinbena fuq il-ħlas tad-danni mnissla minn nuqqas ta' ħlas ta' xogħol appaltat imwettaq u konsenjat lill-atturi rikonvenzjonati. Fil-mertu, l-imħarrkin jilqgħu għall-azzjoni ewlenija tal-atturi billi jallegaw li l-imħarrek kien suġġett għal sensiela ta' theddid u wkoll ta' inadempiment min-naħa tal-attur bin-nuqqas ta' ħlas

[12] Dok "D", f'paġ. 8 tal-proċess
[13] Xhieda tal-imħarrek 3.4.2000, f'paġ. 40 tal-proċess

għax-xogħol konsenjat; filwaqt li l-atturi jilqgħu għall-azzjoni rikonvenzjonali billi jiċħdu x-xilja tat-theddid, jiċħdu li b'imġibithom ikkawżaw xi dannu lill-imħarrek rikonvenjent, u billi jqajmu l-kwestjoni tal-preskrizzjoni dwar il-pretensjonijiet ta' xogħol konsenjat u mhux imħallas;

Illi minħabba l-isfond tal-ġrajja li seħħew, il-Qorti jidhrilha li għandha tibda tqis il-**kwestjoni tat-theddid allegat mill-imħarrkin**. Kemm l-imħarrek u kif ukoll martu u bintu xehdu dwar il-mod aggressiv li bih l-attur ġab ruħu magħhom matul iż-żmien li kien għadu qiegħed isir u jintalab ix-xogħol appaltat. Saħansitra, jirriżulta wkoll mhux kontestat, li f'waqt partikolari, l-attur żamm taħt idejh vann tal-imħarrek b'rahan sakemm jintemm ix-xogħol kollu li kien għad fadal isir, magħdud dak ta' tiswija ta' xogħol difettuż. Madankollu, mill-istess xhieda ħareġ ukoll li t-theddid allegat beda żmien wara li kienu saru l-kitbiet tal-għoti tax-xogħol b'appalt u l-aktar wara li ħareġ li l-imħarrek ma kienx qiegħed iħares iż-żminijiet li fihom kellu jagħti x-xogħol ordnat. L-għamil tiegħu li jieħu b'forza taħt idejh il-vann tal-imħarrek ukoll sar wara li saru l-kitbiet, u għalkemm ma kienx pass għaqli min-naħa tal-attur ma jidhirx li dam wisq igawdi l-effetti ta' għamilu għaliex l-imħarrek u martu, bl-għajnuna ta' avukat u tal-Pulizija, ma damux ma kisbu lura l-istess vann u "hemmhekk, għall-ewwel darba l-konvenut sab nifs ġdid mit-theddid ta' l-istess Vassallo"[14];

Illi meta l-Qorti qiegħda tirreferi għall-ftehim tal-appalt, qiegħda tirreferi għall-ewwel tliet kitbiet – jiġifieri dawk tal-11 ta' Lulju, 1988, tal-24 ta' Frar, 1992 u tal-25 ta' Jannar, 1993 – għaliex fir-raba' kitba (ta' April tal-1995) ma ngħatax xogħol ġdid, iżda kien miftiehem biss x'kien ix-xogħol li kien għad fadal isir u l-klawsola penali fil-każ li jibqa' d-dewmien wara ċerta data miftehma;

Illi l-Qorti tirrileva wkoll li, qabel ma l-atturi fetħu din il-kawża, l-imħarrek ma kien qatt ressaq azzjoni biex iwaqqa' jew jirrexindi l-imsemmija appalti fuq il-bażi tal-

[14] Ir-raba' eċċezzjoni f'paġ. 18 tal-proċess

vizzju tal-kunsens. Minn kliem il-liġi, il-vjolenza, bħalma hija t-theddid, hija motiv ta' nullita' tal-kuntratt minħabba vizzju tal-kunsens[15]. Iżda huwa maqbul li dak in-nuqqas ma jġibx nullita' assoluta tar-rabta kuntrattwali, iżda annullabilita' tal-istess: jidher li huwa minħabba f'hekk li l-liġi tuża l-kelma "motiv ta' nullita'". Hija regola li l-Qrati tagħna ilhom snin jimxu magħha li, fejn iqum element ta' annullabilita' ta' kuntratt, it-tħassir ta' dak il-kuntratt irid isir b'azzjoni appożita u mhux permezz ta' eċċezzjoni[16]. L-ebda waħda mit-talbiet rikonvenzjonali tal-imħarrek ma ssemmi n-nullita' tal-ftehim ta' appalti mogħtija. L-imħarrek innifsu xehed u stqarr li ma kien fetaħ l-ebda kawża biex jitlob it-tħassir tal-ftehim fuq il-bażi tal-vizzju tal-kunsens[17];

Illi, madankollu, wkoll kieku wieħed kellu jiskarta din ir-regola u jintrabat ma' dak li jiddisponi l-artikolu 1226 tal-Kodiċi Ċivili (fejn tista' titqajjem b'eċċezzjoni in-nullita' ta' rabta kuntrattwali fejn ikun hemm raġuni ta' tħassir ta' kuntratt minħabba r-rexissjoni)[18], xorta waħda fil-każ tal-lum din il-Qorti ma tistax issib xi nullita', għaliex lanqas fl-eċċezzjonijiet ma tqanqal dan il-punt. Kif ingħad qabel, il-provi waħdanija li ressqu l-imħarrkin jitkellmu dwar imġiba tal-attur wara li kienu saru l-ftehim, u għalhekk ma ntweriex li kien hemm tassew theddid fil-waqt li l-imħarrek iffirma dawk il-kitbiet;

Illi wieħed, imbagħad, ma jridx jinsa li dak li wassal lill-attur biex iqabbad lill-imħarrek jagħmillu x-xogħlijiet appaltati kien il-fatt li l-istess imħarrek kien debitur tal-attur (jew tal-kumpannija tiegħu Joe-Ro Limited) u ma kienx f'qagħda jiggarantilu meta kien se' jaqta' dak id-dejn. Kien hemm ukoll il-fatt li appalti mogħtija fl-1992 u 1993, baqgħu jitkarkru sal-1995, minkejja li kienu ġew miftehmin dati speċifiċi meta x-xogħol kellu jitlesta u jkun konsenjat. Fuq kollox, l-imħarrek għażel li jiffirma l-kitbiet li kien iressaqlu l-attur u b'dan il-mod, kien jirratifika l-ħatriet

---

[15] Art. 977(1) tal-Kap 16

[16] Ara, b'eżempju, P.A. DS **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Ian Busuttil et vs Carmen Taliana*** u App. Inf. **10.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***J & E Griscti Ltd vs Jesmond Sant et***

[17] Xhieda tiegħu 13.11.2000, f'paġ. 59 tal-proċess

[18] Ara, P.A. JA **30.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Hugh Peralta noe vs Credinvest International Corporation Finance Limited*** (sentenza *in parte*, appellata)

mogħtija u l-aċċettazzjoni tiegħu tax-xogħol ordnat. Fir-raba’ lok, jekk wieħed jifli t-tielet eċċezzjoni tal-imħarrek (u x-xhieda ta’ martu msejħa fil-kawża), x’aktarx jintebaħ li l-ilment veru ma kienx li x-xogħol kien ġie mġiegħel fuq l-imħarrek, daqskemm il-fatt li ma kienx qed isir ħlas tax-xogħol li jkun tlesta u konsenjat lill-atturi. Dan huwa lment ta’ natura għal kollox differenti mill-allegazzjoni tat-theddid;

Illi fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-appalti mogħtija lill-imħarrek kienu jiswew u li dawn kienu jorbtu lill-partijiet fil-kawża b’dak li ftehmu fihom;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-tielet u r-raba’ eċċezzjonijiet tal-imħarrek u ta’ martu l-imsejħa fil-kawża m’humiex mistħoqqa u m’humiex sejrin jintlaqgħu;

Illi **dwar it-talbiet tal-atturi fil-kawża ewlenija** jidher ċar li l-azzjoni tinbena fuq l-aspett tan-nuqqas ta’ twettiq tal-appalt. Jekk wieħed jaqra flimkien **l-ewwel żewġ talbiet attriċi**, joħroġ ukoll li l-atturi qegħdin jitolbu l-eżekuzzjoni sa tmiemha tal-obbligazzjoni li l-imħarrek intrabat biha fl-appalti mogħtija, u dan kif inhu maħsub ukoll fl-artikolu 1069(1) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi meta tiġi biex tqis l-**ewwel talba attriċi**, l-Qorti tagħraf li n-nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligazzjoni kuntrattwali iġġib fis-seħħ l-effetti “sekondarji” tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat[19];

Illi meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista’ tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta’ min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni)[20]. Kreditur ta’ obligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jisħaq mad-debitur tal-obbligazzjoni li

[19] Art. 1125 tal-Kap 16
[20] Art. 1127 tal-Kap 16

jwettaq dak li ntrabat li jagħmel[21] u, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas[22], liema danni jissarrfu fit-telf li l-kreditur ikun ġarrab u fil-qligħ li jkun imtellef minħabba l-inadempiment[23];

Illi d-danni maħsuba mil-liġi għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni jew għat-twettiq tardiv tagħha huma t-telf imġarrab mill-kreditur u/jew il-qligħ imtellef, sakemm jintwera li tali telf jew tali qligħ imtellef ikunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni[24]. Fejn in-nuqqas ta' twettiq ma jkunx ġej minn għamil doluż tad-debitur, id-danni mġarrbin mill-kreditur li huwa obbligat jagħmel tajjeb għalihom huma dawk li basar jew wieħed sata' jobsor li jiġġarrbu fiż-żmien tat-twettiq tal-obbligazzjoni[25];

Illi huwa stabilit ukoll li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' ħatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jagħmel tajjeb in-nuqqas jew jaċċetta tnaqqis f'dak li jistħoqqlu jitħallas[26]. Iżda fejn in-nuqqas ikun wieħed qawwi, ma jkun jistħoqqlu l-ebda ħlas u jġib miegħu s-sanzjonijiet maħsuba mil-liġi, u l-fatt li l-appaltant ikun wettaq xi ħlas jew saħansitra l-ħlas kollu tal-prezz miftiehem ma jwassalx biex l-appaltatur jitqies li jkun wettaq appalt meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher li dan m'huwiex il-każ[27];

Illi fil-każ tal-lum, l-imħarrek appaltatur intalab jagħmel xejn anqas tmintax-il (18) biċċa xogħol, b'uħud minnhom jikkonsistu f'iżjed minn biċċa għamara waħda kull waħda. Dawn ix-xogħlijiet kienu għall-valur sħiħ ta' elfejn u tmien mitt lira Maltin (Lm 2,800). Skond xhud tal-attur innifsu, flimkien ma' dawk l-ordnijiet, kienet żdiedet talba għal *bureau* stmat b'mija u ħamsin lira Maltin (Lm 150)[28] li

---

[21] P.A. **13.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Calleja*** (Kolez. Vol: **XXXVI.ii.578**)
[22] Kumm. **13.2.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Petroni vs Petroni noe*** (Kollez. Vol: **XXXVI.iii.629**)
[23] Art. 1135 tal-Kap 16
[24] Art. 1137 tal-Kap 16
[25] Art. 1136 tal-Kap 16
[26] P.A. MCC **9.4.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Busuttil vs Pio Fedele et*** (mhix pubblikata)
[27] App. Inf. **28.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Selective Quality Letting Ltd vs Mall Systems Ltd***
[28] Xhieda ta' Elia Cassar, f'paġġ. 34 – 6 tal-proċess

b'kollox itella' l-ordnijiet magħmula għall-prezz ta' elfejn disa' mija u ħamsin lira Maltin (Lm 2,950). Huwa maqbul li, minn dawk l-ordnijiet kollha, l-imħarrek ma għamilx sitt (6) pultruni (mis-sittax li kien mitlub jagħmel), erba' (4) siġġijiet (mill-għoxrin li kien mitlub jagħmel), żewġ (2) *trolleys* (mill-erbgħa li kien mitlub jagħmel) u żewġ (2) sopraporti (mis-sitta li kien mitlub jagħmel). Kien hemm ukoll xi affarijiet li kien ikkonsenja li kellu jdurhom (imma l-atturi baqgħu qatt ma speċifikaw quddiem din il-Qorti dawn x'inhuma). L-imħarrek innifsu aċċetta bil-miktub li kien għadu m'għamilhomx u li ried jagħmilhom sa ċertu żmien. B'dan il-mod, intrabat ukoll li jkompli jeżegwixxi l-appalti, ukoll jekk dan fuq insistenza tal-attur;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, għalkemm ix-xogħol li baqa' jrid isir ma kienx il-parti l-kbira tax-xogħlijiet appaltati meta magħduda lkoll flimkien u meta jitqies il-prezz sħiħ miftiehem, joħroġ xorta waħda li n-nuqqas (inadempiment) ma kienx wieħed estensiv, imma lanqas ma jista' jitqies insinjifikanti. Il-Qorti tqisu li huwa inadempiment mhux traskurabbli li, wara kollox, l-imħarrek innifsu kien aċċetta b'kitba u jistqarr huwa stess li baqa' ma wettaq xejn minnu[29];

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa u sejra tilqagħha, imma biss safejn tirreferi għax-xogħol mogħti u li ma sarx. Minħabba li t-**tieni talba attriċi** hija marbuta mal-ewwel waħda, sejra tilqagħha wkoll safejn tirreferi għax-xogħol li fadal x'isir. M'hijiex sejra tilqagħha safejn tirrigwarda t-tiswija tax-xogħlijiet ġa konsenjati, li l-atturi baqgħu qatt ma ressqu provi biex speċifikaw x'inhuma u fiex jikkonsistu;

Illi kull meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja[30]. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-

[29] Xhieda tiegħu 3.4.2000, f'paġġ. 40 – 1 tal-proċess
[30] Art. 1132(1) tal-Kap 16

eżekuzzjoni[31]. Biex itaffi dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri[32]. Fil-każ tal-lum, jidher li l-imħarrek jistkenn wara r-raġuni li dak li ma lestiex kien jaħti għalih l-attur li naqas li jgħaddilu l-injam (materja prima) biex ikun jista' jlesti x-xogħol[33];

Illi din id-difiża m'hija xejn għajr dik magħrufa bħala *non rite adimplendi contractus* li, magħquda mal-eċċezzjoni l-oħra tal-impossibilita' tat-twettiq tar-rabta kuntrattwali, jitfgħu fuq il-parti kontraenti eċċipjenti l-piż li jippruvaw li dak minnha allegat ġara tassew;

Illi dwar jekk kienx minnu li l-imħarrek tassew sab ma' wiċċu ċirkostanzi lil hinn mir-rieda u mis-setgħa tiegħu li żammewh milli jagħti fiż-żmien miftiehem ix-xogħol kollu ordnat, din il-Qorti tqis li biex jista' jingħad li parti kontraenti titqiegħed fl-impossibilita' li twettaq dak li tkun intrabtet bih, irid jirriżulta li, wara li jkun sar il-ftehim, tkun inħalqet ċirkostanza fiżika, materjali jew ġuridika li tolqot direttament in-negozju obbligatorju[34];

Illi jirriżulta mit-tliet kitbiet tal-appalt li saru bejn il-partijiet li, f'kull każ minnhom, tassew li l-attur intrabat li jforni l-injam (u, fejn kien il-każ ukoll, it-tapezzerija) biex l-imħarrek ikun jista' jaħdem ix-xogħol miftiehem. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek kien intrabat dejjem li l-prezz tal-lostru jkun jagħmel mill-prezz tal-appalt (jiġifieri, jerfa' n-nefqa hu). Għalkemm, l-imħarrek seħaq li dwar ix-xogħlijiet imsemmija fil-kitba ta' April, 1995, ma setax jagħmilhom għaliex l-attur ma fornihx bl-injam, l-istess atturi ma dehrilhomx li kellhom jirribattu dik il-prova. Fil-każijiet ta' qabel, kien dejjem l-imħarrek appaltatur li kien jordna l-injam u l-attur appaltant ifornih b'dak li jitlob, iżda f'dan il-każ tax-xogħol residwali li jissemma fil-kitba tas-17 ta' April, 1995, l-appaltatur imħarrek lanqas seta' jmur għall-injam hu għaliex f'dak iż-żmien l-appaltant attur kien

[31] Art. 1133 tal-Kap 16
[32] Art.1134 tal-Kap 16
[33] Xhieda tiegħu 5.2.2001, f'paġ. 66 tal-proċess
[34] App. Inf. **20.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Bonello vs Joseph Cutajar***

issekwestralu l-vann taħt idejh. Minbarra dan, ladarba x-xogħlijiet li jissemmew fil-ktiba ta' April tal-1995 kienu jagħmlu mill-appalti mogħtijin fil-kitbiet ta' qabel, kien jinftiehem li l-injam ried ukoll jipprovdih l-attur, ladarba dak kien patt li huwa kien intrabat bih fl-imsemmija kitbiet ta' qabel. Għalhekk, il-Qorti sejra toqgħod fuq ix-xhieda mhux kontradetta tal-imħarrek li tgħid li ma temmx l-appalt minħabba li l-appaltant naqas li jfornih bil-materja prima meħtieġa. Din iċ-ċirkostanza – għalkemm ma xxejjinx għal kollox il-fatt tan-nuqqas ta' twettiq min-naħa tal-imħarrek – sejra tkun riflessa fis-sanzjoni mitluba mill-atturi fit-tielet talba tagħhom;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tqis **il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' twettiq tal-appalt** min-naħa tal-imħarrek kif raffigurata fit-**tielet talba attriċi**. Kif ingħad qabel, meta parti f'kuntratt tonqos li twettaq dak li ntrabtet bih, trid tħallas lill-parti l-oħra d-danni. Hawhekk jidħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1640(3), 1125 u 1135 tal-Kodiċi Ċivili, li lkoll jitqiesu bħala l-effetti "sekondarji" tal-obbligazzjoni li ssemmew aktar qabel f'din is-sentenza;

Illi jkun xieraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li ladarba d-danni mitluba huma ta' sura kuntrattwali, l-għan tagħhom irid ikun dak li jagħmlu tajjeb għall-ħsara li l-parti kontraenti mġarrba turi li batiet minħabba l-ksur kuntrattwali tal-parti l-oħra, u m'għandhomx ikunu għodda ta' piena kontra dik il-parti inadempjenti u lanqas okkażjoni għall-parti mġarrba li tistagħna bi ħsara tal-parti inadempjenti[35]. B'mod partikolari, min, minħabba ksur ta' rabta kuntrattwali li jkun daħal għaliha, jsir responsabbli għall-ħlas tad-danni lill-parti l-oħra jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li raġonevolment jitqies konsegwenti direttament għal dak in-nuqqas[36], filwaqt li l-istess parti mġarrba għandha d-dmir li tieħu l-passi meħtieġa biex tnaqqas kemm jista' jkun dak id-dannu jew tal-anqas ma tagħmlux agħar[37];

---

[35] App. Kumm. **15.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja noe vs Mamo pro et noe*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.367**)
[36] P.A. PS **23.4.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Dalli et vs Mediterranean Film Studios Ltd.*** (mhix appellata)
[37] App. Inf. **3.11.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Livick*** (Kollez. Vol: **XL.i.63**)

Illi fis-sewwa jrid jingħad li fil-każ tal-lum ma jirriżultax li kull xogħol li għamel l-imħarrek kien għal xejn jew mingħajr siwi għall-atturi. Iżda hemm xhieda li turi li xi parti minn dak ix-xogħol mogħti kellu jerġa' jduru biex ineħħi nuqqasijiet li l-atturi, madankollu, tul il-kawża kollha baqgħu qatt ma fissru x'inhu u lanqas jinsab speċifikat fil-kitba fejn għall-ewwel darba jissemma li "x-xogħol ġa lest u fih id-difetti irid ikun irranġat u lest"[38];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, jidher li l-kwestjoni tad-danni kuntrattwali maqbula dwar l-inadempiment kienet tissarraf fil-ħlas ta' penali stabilita bil-jum. F'każ bħal dan, il-liġi trid li dik tkun is-somma li għandha tingħata lill-parti mġarrba, u dan la f'ammont akbar u lanqas f'somma iżgħar[39];

Illi dwar il-pretensjonijiet tal-penali, irid jingħad li l-ftehim li jistabilixxi l-ħlas ta' penali għan-nuqqas ta' twettieq f'waqtu ta' obbligazzjoni li tintrabat biha waħda mill-partijiet jiddependi fuq is-siwi tal-ftehim ewlieni[40]. Il-klawsola penali hija għamla ta' danni pre-likwidati li biha l-kreditur tal-obbligazzjoni jeħles mill-obbligu li jipprova li ġarrab ħsara, għaliex jistrieħ biss fuq il-fatt li d-debitur tal-obbligazzjoni ma jkunx wettaq fil-ħin dak li mal-parti l-oħra jkun intrabat li jagħmel[41];

Illi fejn il-klawsola penali tkun ġiet miftehma minħabba d-dewmien, l-effetti tagħha għandhom jibdew iseħħu minn dak inhar li tgħaddi d-data miftehma għat-twettiq tal-obbligazzjoni, u mhux minn dak inhar li jkun sar il-ftehim li l-klawsola penali tagħmel biss parti minnu[42];

Illi l-liġi trid li l-kreditur ta' obbligazzjoni jagħżel bejn li jitlob it-twettiq tal-obbligazzjoni jew il-ħlas tal-penali[43], sakemm il-penali ma ġietx miftehma għad-dewmien biss, f'liema każ it-talba tat-tnejn hija possibbli[44];

---

[38] Dok "D", f'paġ. 8 tal-proċess
[39] Art. 1138 tal-Kap 16
[40] Art. 1119(1) tal-Kap 16;
[41] Ara Torrente _Manuale di Diritto Privato_, § 300, paġ 490-1; u art. 1120 tal-Kap 16
[42] P.A. GCD **16.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Caruana et vs George Camenżuli et***;
[43] Art. 1120(2) tal-Kap 16
[44] Art. 1120(3) tal-Kap 16

Illi l-liġi tagħti s-setgħa lill-Qorti li tnaqqas jew itaffi l-penali f'żewġ każijiet biss: jiġifieri, (a) meta d-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-kreditur ikun aċċetta espressament il-biċċa li ġiet esegwita; jew (b) jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u dik il-parti mill-esekuzzjoni tkun, fiċ-ċirkostanzi, biċ-ċar swiet lill-kreditur[45]. Iżda f'dan l-aħħar każ, il-penali tkun dovuta jekk tkun ġiet miftehma għad-dewmien fit-twettiq tal-obbligazzjoni;

Illi l-applikazzjoni riġida ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi, minkejja l-konsegwenzi iebsa li jistgħu jinstiltu minnha fil-prattika, ġejja mir-rispett li jrid jingħata lill-prinċipju li ftehim validu bejn il-partijiet għandu s-saħħa ta' liġi bejniethom[46], u l-ebda qorti m'għandha tindaħal fi ftehim bħal dan jekk ma jkunx milqut b'xi difett li ġġibu ma jiswiex. Madankollu, llum il-ġurnata huwa aċċettat li l-applikazzjoni tar-regola maħsuba fl-artikolu 1122 tal-Kodiċi Ċivili trid titfisser ukoll fid-dawl ta' prinċipju ieħor ewlieni tad-dritt, jiġifieri dak li jrid li l-kuntratti jiġu esegwiti b'bona fidi u jobbligaw, mhux biss għal dak li jingħad fihom, imma wkoll għall-konsegwenzi li ġġib magħhom l-obbligazzjoni, skond l-għamla tagħha, b'ekwita', bl-użu jew bil-liġi[47]. Dan ifisser li b'applikazzjoni tal-massima *in omnibus quidem, maxime tamen in jure, aequitas spectanda sit*, huwa possibbli li l-effett u l-applikazzjoni litterali ta' klawsola penali jiġu "ridimensjonati" jekk jirriżulta li dawn joffendu jew jiksru s-sens prattiku u morali tal-obbligazzjoni billi jkunu jidhru sproporzjonati jew inaċċettabbli "skond in-normi stabiliti tas-soċjeta' u l-loġika ġuridika"[48];

Illi fil-każ tal-lum jirriżulta li l-klawsola penali ddaħħlet fil-kitba tas-17 ta' April, 1995, speċifikatament dwar ix-xogħol li ma kienx għadu tlesta sa dak inhar u dwar it-tiswijiet li kellhom isiru (bla ma kienx imfisser fiex kellhom jikkonsistu), u dan b'seħħ minn data msemmija. Irriżulta li

[45] Art. 1122(1) tal-Kap 16
[46] Art 992(1) tal-Kap 16
[47] Art. 993 tal-Kap 16
[48] App. Ċiv. **15.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Paċe vs Richard Micallef pro et noe***; u App. Ċiv. **25.2.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Mark Calleja Urry et vs Joseph Portelli et***

minn dak ix-xogħol imsemmi, l-imħarrek appaltatur ma wettaq xejn. Madankollu, intwera li kien hemm raġuni (għalkemm x'aktar mhux l-unika waħda) għaliex dak ix-xogħol ma sarx, u dik ir-raġuni kienet ġejja mill-attur innifsu, kreditur tal-obbligazzjoni. Il-Qorti ma jidhrilhiex li jkun xieraq u ġust li tgħabbi lill-imħarrek bl-effetti tal-klawsola penali għad-dewmien meta n-nuqqas ta' twettiq ta' dak li kien fadallu jsir ma kienx jaħti għalih hu;

Illi għalhekk, il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li l-penali miftehma ta' €34.95 għal kull jum ta' dewmien miftehma fil-kitba tas-17 ta' April, 1995, għandha tibda tgħodd għeluq disgħin (90) jum[49] minn dak inhar li l-attur jingħata riċevuta mill-imħarrek li turi li jkun irċieva l-injam meħtieġ għax-xogħol li fadal isir. B'dan il-mod il-Qorti sejra tilqa' t-tielet talba attriċi;

Illi issa l-Qorti **sejra tqis it-talbiet rikonvenzjonali** tal-imħarrek, fid-dawl tal-**eċċezzjonijiet tal-atturi rikonvenuti**. Dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-atturi rikonvenuti din il-Qorti diġa' ipprovdiet bis-sentenza tagħha tal-31 ta' Mejju, 2006. Jidher ukoll li l-atturi rikonvenuti bnew l-eċċezzjonijiet tagħhom għall-kontro-talba minħabba l-mod kif l-imħarrek bena t-talbiet tiegħu;

Illi l-imħarrek rikonvenjent qiegħed jitlob is-sejbien ta' ħtija tal-atturi rikonvenuti għad-danni meta ordnaw xogħlijiet li tagħhom ma ħallsux, u l-kundanna tal-istess atturi għall-ħlas ta' dawk id-danni. Minħabba f'hekk, l-atturi rikonvenuti laqgħu b'żewġ għamliet ta' eċċezzjonijiet: dawk kontra x-xilja tar-responsabbilta' għad-danni, u eċċezzjonijiet oħrajn kontra x-xilja tan-nuqqas ta' ħlas;

Illi l-Qorti tqis li mill-qari tal-premessi tal-azzjoni rikonvenzjonali, joħroġ ċar li l-mira tal-imħarrek rikonvenjent hija talba għall-ħlas iżjed minn ħaġ'oħra. Minbarra dan, l-imħarrek ma ressaq l-ebda prova ta' dannu mġarrab, u l-Qorti diġa' wriet li għalkemm ma tapprovax l-imġiba tal-attur fl-insistenza tiegħu li x-xogħol jintemm, ma jirriżultax li kien hemm effetti oħra fuq l-

[49] Li huwa l-istess żmien mogħti fl-imsemmija kitba lill-imħarrek biex itemm ix-xogħol li ma kienx għadu lesta sa dak inhar

imħarrek u l-imsejħa fil-kawża wara li l-vann ingħata lura minn taħt idejn l-attur;

Illi għalhekk, il-Qorti m’għandhiex għalfejn tqis aktar it-**tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-atturi rikonvenuti**;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**ewwel talba rikonvenzjonali** jidher li l-ilment ewlieni u konsistenti tal-imħarrek rikonvenjent kien dak li ħadem għal xejn u ma tħallasx. Il-Qorti, f’dan ir-rigward, sejra żżomm quddiem għajnejha l-ordnijiet kollha u l-fatt li l-imħarrek kien diġa’ debitur tal-attur rikonvenut qabel ma ngħata l-ewwel appalt. Mix-xhieda ta’ Elia Cassar – xhud imressaq mill-attur – ħareġ li s-somma kollha tal-appalti mogħtija lill-imħarrek kienet titla’ għal Lm 2,950[50] li minnhom, naturalment, riedu jinqatgħu l-Lm 1,800 dejn li l-imħarrek kellu mal-attur qabel ingħataw l-appalti. Dan iġib bilanċ ta’ Lm 1,150 (€2,678.78) li l-imħarrek ried jitħallas. L-imsemmi xhud jgħid li, minkejja l-ftehim, l-imħarrek ma kienx xtara l-lostru kollu tal-għamara li ikkonsenja u li dik in-nefqa ħariġha l-attur, meta kien miftiehem li joħroġha l-imħarrek. Isemmi li l-attur nefaq Lm 520 f’lostru, u, ladarba l-imħarrek ma meriex dan il-fatt, l-imsemmi ammont irid jinqata’ mill-bilanċ li kellu jitħallas l-imħarrek. Min-naħa l-oħra, dejjem skond l-istess xhud, l-imħarrek ħareġ minn butu Lm 75 materja prima li jridu jiżdiedu mal-kreditu dovut lilu;

Illi mbagħad, Elia Cassar jgħid li bejn Lulju tal-1988 u Marzu tal-1995, l-attur ħallas lill-imħarrek Lm 410. Ma tressqet l-ebda riċevuta biex turi dan il-ħlas. Ladarba l-imħarrek jikkontesta li qatt tħallas u ladarba huwa ressaq kontro-talba sewwasew fuq ħlas, l-anqas ħaġa li l-atturi rikonvenuti kienu mistennija jagħmlu kien li jippruvaw il-ħlas allegat. Dan ma sarx u, fin-nuqqas ta’ prova talħlas, il-Qorti sejra tqis li l-imsemmija Lm 410 ma tħallsux;

Illi, dejjem skond l-istess xhud Cassar, l-attur jistqarr li, wara li jsiru l-aġġustamenti meħtieġa, l-attur kien jifdallu jagħti lill-imħarrek “somma differenzjali ta’ Lm 295”. Ta’ min jirrileva li x-xhud Cassar ifisser lilu nnifsu bħala l-

[50] Paġġ. 34 – 6 tal-proċess

*accountant* tas-soċjeta' mmexxija mill-attur, u b'hekk wieħed jifhem li kien jaf fuq xiex kien qed jixhed u li kellu f'idejh tagħrif u dokumentazzjoni li wieħed seta' joqgħod fuqhom. Minbarra dan, huwa tressaq mill-atturi b'xhud tagħhom meta l-imħarrek kien diġa' ressaq il-kontro-talba tiegħu;

Illi din ix-xhieda, mressqa mill-atturi nfushom, hija ta' siwi kbir biex tindirizza wkoll ir-**raba' eċċezzjoni tagħhom għall-kontro-talba** fis-sens li, ladarba prova mressqa minnhom stess li kien għad fadal bilanċ x'jitħallas lill-imħarrek tmur għal kollox kontra dik l-eċċezzjoni fiż-żewġ fergħat tagħha – kemm fejn tgħid li "l-esponenti ma baqgħalhom iħallsuh xejn"[51] u kemm fejn teċepixxi l-preskrizzjoni tat-talba rikonvenzjonali taħt l-artikolu 2148 tal-Kodiċi Ċivili[52]. Huwa magħruf li waħda miċ-ċirkostanzi misjuba fil-liġi biex twaqqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija l-istqarrija tad-debitur li huwa għandu jagħti lill-kreditur tiegħu[53];

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li l-imsemmija eċċezzjoni ma tiswiex u sejra tiċħadha;

Illi l-Qorti m'hijiex qiegħda twarrab minn quddiem għajnejha li l-kreditu li l-imħarrek għad fadallu jirċievi m'huwiex kollu dwar xogħol li temm u ikkunsinna lill-atturi rikonvenuti, iżda jgħodd fih ukoll ix-xogħol li ma ikkonsenjalhom qatt;

Illi b'hekk jiġi li l-imħarrek rikonvenjent tassew huwa kreditur tal-atturi rikonvenuti fis-somma ta' elf sitt mija u tnejn u erbgħin euro u għoxrin ċenteżmi (€1,642.20)[54] li jkunu dovuti wara li l-imħarrek itemm ix-xogħol li jkun għad fadallu jikkonsenja lill-atturi rikonvenzjonati kif imsemmi fit-tieni talba tal-azzjoni ewlenija tagħhom;

Illi għalhekk, għar-rigward tat-**tieni talba rikonvenzjonali** il-Qorti sejra tilqagħha bil-kundizzjoni li l-imħarrek iwettaq sa tmiemu l-appalt li kien ingħata mill-atturi rikonvenuti;

---

[51] Paġ. 107 tal-proċess
[52] Paġ. 108 tal-proċess
[53] Art. 2133 tal-Kap 16
[54] Lm 2950 – Lm 1,800 – Lm 520 + Lm 75 = Lm 705 (€1,642.20)

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** limitatament billi ssib li l-imħarrek naqas li jwettaq għal kollox l-appalt mogħti lilu mill-attur fiż-żmien mogħti;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** limitatament billi tordna lill-imħarrek biex jagħmel skond is-sengħa u l-ħila x-xogħlijiet imsemmija fil-kitba tas-17 ta' April, 1995, jiġifieri sitt (6) pultruni, erba' (4) siġġijiet, żewġ (2) sopraporti u żewġ (2) *trolleys* fi żmien disgħin (90) jum minn dak inhar li l-attur jgħaddilu l-injam meħtieġ biex isiru;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek għall-ħlas ta' penali ta' erbgħa u tletin euro u ħamsa u disgħin ċenteżmi (€34.95) għal kull jum ta' dewmien li għandha tibda tgħodd għeluq disgħin (90) jum minn dak inhar li l-attur jingħata riċevuta mill-imħarrek li turi li jkun irċieva l-injam meħtieġ għax-xogħol li fadal isir;

**Tastjeni milli tqis** it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-atturi rikonvenuti għall-kontro talba tal-imħarrek;

**Tiċħad ir-raba' eċċezzjoni** tal-atturi rikonvenuti għall-kontro-talba tal-imħarrek għaliex m'hijiex mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali** limitatament billi ssib li l-imħarrek rikonvenjent ma tħallasx għax-xogħol kollu li wettaq fl-appalt, imma tiċħadha safejn titlob li l-atturi rikonvenuti jaħtu lejh għad-danni;

**Tilqa' t-tieni talba rikovenzjnali** billi tillikwida l-kreditu favur l-imħarrek rikonvenjent fis-somma ta' elf sitt mija u tnejn u erbgħin euro u għoxrin ċenteżmi (€1,642.20), li tkun dovuta hekk kif li l-imħarrek itemm ix-xogħol li jkun għad fadallu jikkonsenja lill-atturi rikonvenzjonati kif imsemmi fit-tieni talba tal-azzjoni ewlenija tagħhom;

**Tordna** li l-imħarrek u l-imsejħa fil-kawża jħallsu l-**ispejjeż kolha tal-azzjoni ewlenija** u kif ukoll dawk marbuta mas-sentenzi preliminari tas-16 ta' Ġunju, 2000, u tal-31 ta' Mejju, 2006; filwaqt li l-atturi rikonvenuti jħallsu **l-ispejjeż tal-kontro-talba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------